MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 299/2004

**Tar-Robba Ltd**

**Vs**

**Joseph Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm676.95) rappresentanti bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' merkanzija u cioe' materjal ta' kostruzzjoni, lilu mibjugha u kkonsenjata, inkluz VAT.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija u sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm676.95), bl-imghaxijiet legali

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------